



*Dokument ta' sessjoni*

B9-0110/2024 }  
B9-0115/2024 }  
B9-0116/2024 }  
B9-0126/2024 }  
B9-0129/2024 } RC1

7.2.2024

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 144(5) u l-Artikolu 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:

B9-0110/2024 (Verts/ALE)  
B9-0115/2024 (PPE)  
B9-0116/2024 (ECR)  
B9-0126/2024 (Renew)  
B9-0129/2024 (S&D)

dwar il-mewġa ġdida ta' arresti tal-massa fil-Belarussja tal-attivisti tal-oppożizzjoni u tal-familjari tagħhom  
(2024/2550(RSP))

**Miriam Lexmann, Željana Zovko, David McAllister, Andrzej Halicki,  
Andrius Kubilius, Antonio López-Istúriz White, Janina Ochojska, Tomáš  
Zdechovský, Vladimír Bilčík, Michaela Šojdrová, Jiří Pospíšil, Ivan  
Štefanec, Liudas Mažylis, Inese Vaidere**  
f'isem il-Grupp PPE  
**Pedro Marques, Juozas Olekas**  
f'isem il-Grupp S&D

RC\1296399MT.docx

PE756.852v01-00 }  
PE756.858v01-00 }  
PE756.859v01-00 }  
PE756.869v01-00 }  
PE756.872v01-00 } RC1

**Petras Auštrevičius, Izaskun Bilbao Barandica, Dita Charanzová, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Bernard Guetta, Svenja Hahn, Karin Karlsbro, Michael Kauch, Moritz Körner, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Javier Nart, Urmas Paet, Dragoš Pîslaru, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Ramona Strugariu, Dragoș Tudorache, Hilde Vautmans**

f'isem il-Grupp Renew

**Viola von Cramon-Taubadel**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Anna Fotypa, Karol Karski, Angel Dzhambazki, Ryszard Czarnecki, Anna Zalewska, Alexandr Vondra, Veronika Vrecionová, Assita Kanko, Bogdan Rzońca, Joachim Stanisław Brudziński, Jacek Saryusz-Wolski, Witold Jan Waszczykowski, Elżbieta Rafalska, Eugen Jurzyca, Adam Bielan, Waldemar Tomaszewski, Hermann Tertsch, Beata Mazurek**

f'isem il-Grupp ECR

**Fabio Massimo Castaldo, Nikolaj Villumsen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-mewġa ġdida ta' arresti tal-massa fil-Belarussja tal-attivisti tal-oppożizzjoni u tal-familjari tagħhom  
(2024/2550(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Belarussja,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi f'Jannar 2024, il-Kumitat għas-Sigurtà tal-Istat tal-Belarussja (KGB) wettaq rejds, interrogazzjonijiet u detenzjonijiet immirati lejn aktar minn 200 membru tal-familji ta' priġunieri politiċi attwali u preċedenti kif ukoll beneficijari tal-inizjattiva “INeedHelpBY” dwar akkużi relatati ma’ “estremiżmu”; billi l-maġġoranza huma ommijiet u nisa ta’ priġunieri politiċi, inklużi Marina Adamovich, mart Mikalai Statkevich, Tatsiana Seviarynets, omm Pavel Seviarynets, u Daria Losik, mart Ihar Losik u li kienet arrestata qabel;
- B. billi tressqu akkużi addizzjonali *in absentia* kontra 20 analist politiku, ġurnalist u soċjologu mlaqqgħin l-“analisti ta’ Tsikhanouskaya”, li qed jiffaċċejaw il-konfiska tal-proprjetà u r-revoka taċ-ċittadinanza jekk jinstabu ħatja;
- C. billi l-priġunieri politiċi, inklużi l-mexxejja tal-partiti Mikalai Kazlou, Ryhor Kastusiu, Mikalai Statkevich u Pavel Seviarynets, jiffaċċejaw iżolament, tortura, ċaħda tal-kura medika u xogħol furzat;
- D. billi l-aħħar repressjoni tippreċedi l-“elezzjonijiet” parlamentari u lokali fil-25 ta’ Frar; billi l-“liġi dwar il-partiti politiċi” tal-2023 qed tipprevjeni lill-partiti tal-oppożizzjoni demokratika milli jipparteċipaw fl-elezzjonijiet;
- 1. Jikkundanna bil-qawwa l-mewġa reċenti ta’ arresti tal-massa fil-Belarussja u jħeġġeġ lir-reġim illeġittimu ta’ Lukashenka jwaqqaf ir-repressjoni, speċjalment kwalunkwe persekuzzjoni marbuta mal-ġeneru, u jfakkar lir-reġim fl-obbligi internazzjonali tiegħu;
- 2. Jitlob il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet ta’ aktar minn 1 400 priġunier politiku, kif ukoll tal-familji tagħhom u tal-persuni detenuti arbitrarjament, u l-kumpens dovut lilhom, filwaqt li jiġu restawrati d-drittijiet sħaħ tagħhom;
- 3. Itenni l-pożizzjoni tiegħu dwar in-nuqqas ta’ trasparenza, libertà u ġustizzja qabel l-“elezzjonijiet” parlamentari u lokali fil-Belarussja u jistieden lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lill-komunità internazzjonali biex ma jirrikonoxx ir-riżultati;
- 4. Jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli u lill-Kunsill iwieġbu billi jimponu sanzjonijiet aktar b’saħħithom fuq ir-reġim ta’ Lukashenka, inkluż kontra oġġetti li jinvolvu xogħol furzat tal-priġunieri politiċi, sanzjonijiet finanzjarji aktar stretti, u sanzjonijiet fuq individwi responsabbli għal ksur seru tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi

uffiċċiali ta' livell għoli u membri tal-forzi tas-sigurtà; jitlob tnaqqis ulterjuri tal-preżenza diplomatika tal-Belarussja fl-UE, appoġġ kontinwu għall-vittmi tar-reġim permezz ta' strumenti speċjali li jippermettulhom jiksbu viżi u permessi ta' residenza tal-UE u jindirizzaw każijiet ta' apolidija;

5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jappoġġjaw id-dokumentazzjoni tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja, jappoġġjaw it-trasformazzjoni tal-eżami tal-OHCHR tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja f'mekkaniżmu investigattiv kompletament indipendent, jirrispettaw il-mandat tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja, u biex jiżdied l-obbligu ta' rendikont permezz ta' ġuriżdizzjoni ekstraterritorjali u universali;
6. Itenni s-solidarjetà tiegħu mal-poplu tal-Belarussja u l-appoġġ tiegħu għall-aspirazzjonijiet leġittimi tiegħu għal futur demokratiku u Ewropew u jibqa' impenjat li jaħdem bla heda mal-forzi demokratiċi, mas-soċjetà cívili u mal-media indipendenti għall-benefiċċju tal-poplu tal-Belarussja;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli, lill-Istati Membri, lir-rappreżentanti tal-forzi demokratiċi Belarussi, lill-awtoritatjiet *de facto* Belarussi, lin-NU u lill-OSKE.